**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Dorianne Tabone)**

**vs**

**Juliet Madeleini Mendez Forero**
**(Passaport Kolombjan bin-numru AW334086)**

**Illum, 21 ta' Settembru, 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Juliet Madeleini Mendez Forero**, mwielda l-Kolombja, nhar il-15 ta' Novembru, 1988, residenti ġewwa *Queensgate*, *Flat* 13, Triq Forrest, San Ġiljan, u detentriċi tal-Passaport Kolumbjan bin-numru AW334086;

Akkużata talli f'dawn il-gżejjer, u/jew ġewwa *Queensgate*, *Flat* 13, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-20 ta' Settembru, 2021, u fil-ġimgħat ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnha, wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli fl-istess dati, lok, ħinijiet, u ċirkostanzi, żammet jew eżerċitat, jew kellha sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor,

jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta’ prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra mmorali;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet, u ċirkostanzi, kellha ħanut, alloġġ jew lukanda, jew appartament privat, u ħalliet jew ippermettiet li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament, jew xi parti tagħhom, jigu wżati bħala post ta’ laqgħa għal skop ta’ prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra mmorali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, ma’ kull piena li jidhrilha xierqa, tikkundanna lill-imputata għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-imputata tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni hija kkonfermatha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, avżatha bil-konsegwenzi legali ta’ din l-ammissjoni u kkonċedietilha żmien biżżejjed sabiex terġa’ taħsibha u terġa’ lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, il-Qorti ma tistax ħlief issibha ħatja tal-istess imputazzjoni.

Illi għall-fini ta’ piena, il-Qorti qiegħda tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, kif ukoll li hija kkoperat mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha. Qieset ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u li l-Prosekuzzjoni m’hijiex tinsisti dwar piena karċerarja effettiva. Qieset ukoll li l-fedina penali tal-imputata hija waħda netta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(1) u 9 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 17 u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, qed

issib lill-imputata **Juliet Madeleini Mendez Forero** ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u tikkundannaha għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qed tiġi sospiża għal żmien erba' (4) snin mil-lum, kif ukoll għall-piena ta' multa ta' mitejn u ħamsin ewro (€250).

Tordna l-konfiska ta' Dok JB4 favur il-Gvern ta' Malta *ai termini* tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti wissiet lill-ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba hija tikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Stante li ma nħatrux esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat